

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Jean-Charles Marchiani huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 336, 16.11.2013.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tal-15 ta' Ottubru 2014 – Il-Qorti tal-Audituri vs BF

(Kawża T-663/13) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Reklutaġġ — Ħatra għal kariga ta’ Direttur tar-Riżorsi Umani — Ċaħda ta’ kandidatura — Obbligu ta’ motivazzjoni tar-rapport ippreżentat mill-kumitat ta’ preselezzjoni”)

(2014/C 421/57)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Il-Qorti tal-Audituri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Kennedy u J. Vermer, aġenti)

Parti oħra fil-proċedurat: BF (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Ottubru 2013, BF vs Il-Qorti tal-Audituri (F-69/11, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u l-annullament ta' din is-sentenza.

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Il-Qorti tal-Audituri tal-Unjoni Ewropea għandha tħalli l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti minn BF fil-kuntest tal-preżenti istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 52, 22.2.2014.

Sentenza tal-Qorti Ĝeneralni tas-16 ta' Ottubru 2014 – Schönberger vs Il-Qorti tal-Audituri

(Kawża T-26/14 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Uffiċċiali — Promozzjoni — Proċedura ta’ promozzjoni 2011 — Rati ta’ multiplikazzjoni ta’ riferiment — Kontraditorju”)

(2014/C 421/58)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellant: Peter Schönberger (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: O. Mader, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Qorti tal-Audituri tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Schäfer u I. Ní Riagáin Düro, aġenti)

Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-5 ta' Novembru 2013, Schönberger vs Il-Qorti tal-Audituri (F-14/12, ĠabrafP, EU:F:2013:167), intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.